KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

Frar 2015

| Is-Sitt Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mill-Qari) | Il-Ħin: 50 minuta |
|---|---|---|

L-Isem u l-Kunjom: ______________________________ Il-Klassi: ________

Il-Marki: 30 marka



**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra din ir-riċetta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# Torta tal-lewż

**Ingredjenti**



għaġina ħelwa

600g lewż mitħun

100g zokkor

qoxra ta' lumija maħkuka

nofs kuċċarina essenza tal-lewż

6 abjad tal-bajd

**Metodu**

1. Iksi turtiera fonda bl-għaġina ħelwa.
2. Itfa' l-lewż mitħun u z-zokkor f'kontenitur u ħallat sew. Żid ukoll ftit abjad tal-bajd u l-essenza tal-lewż.
3. Żid ukoll il-qoxra tal-lumija għal togħma aħjar.
4. Jekk it-taħlita ma tkunx għaqdet, kompli żid l-abjad tal-bajd.
5. Imla l-forma tal-għaġina bit-taħlita li għadek kif għamilt u sajjar għal madwar ħamsin minuta fil-forn.



**A. Immarka (√) jekk hux veru jew falz.** **(4 marki)**
**L-ewwel waħda lesta.**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1 | F'din ir-riċetta, il-lewż ser jintuża sħiħ. | | √ |
| 2 | Ser jintuża wkoll il-meraq tal-lumi. | | |
| 3 | L-abjad tal-bajd jintuża biex it-taħlita tagħqad. | | |
| 4 | Dan il-mili ser tużah biex timla l-għaġina. | | |
| 5 | It-torta tkun lesta f'nofs siegħa. | | |

**B. Imla l-vojt.** **(4 marki)**

1. Iksi turtiera __________________ bl-għaġina ħelwa.
2. L-ewwel żewġ ingredjenti li ser jintużaw huma l-lewż mitħun u __________________.
3. Żewġ ingredjenti oħra huma l-qoxra tal-lumija u ____________________.
4. Il-qoxra tal-lumija ħa ttejjeb __________________ tat-torta.

**Ċ. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** **(2 marki)**

1. It-torta tal-lewż hija (torta ħelwa, torta bla togħma, torta morra).
2. L-ingredjenti juruna (pass pass kif ser issir ir-riċetta; kemm ser iddum biex tagħmel ir-riċetta; x'għandna bżonn biex nagħmlu r-riċetta).

**It-Tieni Taqsima** **(20 marka)**

**Aqra din l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

*L-Ewwel Parti* **Iż-żiemel u l-gwerra**



Jekk inħarsu ftit lejn iċ-ċiviltajiet tal-qedem, malajr nindunaw kemm kien importanti ż-żiemel. L-aqwa parti tal-armata tal-Griegi u r-Rumani kienet tkun dik tal-kavallerija u l-karrijiet. L-Assirjani u l-Persjani li ġew **qabilhom**, ukoll għarfu l-importanza ta' dan l-annimal sabiħ u ħafif. Bis-saħħa taż-żiemel setgħu jżommu l-imperi tagħhom magħqudin. Kull meta kien jinqala' xi inkwiet, ir-rikkieba tas-Sultan, kienu jaslu minn post għall-ieħor f'qasir żmien. ***(par.1)***

Mill-banda l-oħra, f'dawk l-inħawi fejn iż-żiemel ma kienx għadu nstab, ċiviltajiet bħall-Azteki u l-Inkas, baqgħu fil-post fejn bdew. Meta l-Ewropej ġabu ż-żiemel fil-kontinent Amerikan, l-Indjos bdew isejħulu l-kelb kbir tal-bniedem l-abjad. Biex setgħu jiddefendu ruħhom mill-**qilla** tal-Konkwistaturi (l-Ewropej li attakkawhom), l-Indjos ġew bżonn dan l-annimal li ma kellhomx bħalu, iżda issa kien tard wisq! ***(par.2)***

Fl-ewwel gwerra dinjija li bdiet fl-1914, l-armata Ingliża kellha 25,000 żiemel. Iżda dawn ma kinux biżżejjed biex iġorru kanuni tqal, munizzjon tal-gwerra, ikel u suldati feruti li ma setgħux jimxu. Għalhekk l-Istati Uniti bdiet tgħinha billi tibgħat 1000 żiemel kuljum bil-vapur. Tista' tgħid li fl-ewwel sena tal-gwerra l-irziezet tal-Ingilterra tbattlu miż-żwiemel għax dawn kellhom imorru kollha għall-gwerra. Kien hemm ħafna stejjer ta' qsim il-qalb li jirrakkontaw dwar imħabba li nibtet bejn xi żiemel u s-sid tiegħu, is-suldat. Hekk insibu l-film, *The War Horse*, li hu maħdum fuq storja li ġrat vera. ***(par.3)***

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (√) fil-kaxxa.** (8 marki)

1. Żewġ ċiviltajiet tal-qedem huma:

| | | |
|---|---|---|
| a. | Ingliżi u Taljani | |
| b. | Griegi u Rumani | |
| ċ. | Amerikani u Russi | |

2. Iż-żiemel kien importanti għax:

| | | |
|---|---|---|
| a. | sabiħ u ħafif. | |
| b. | għandu l-ġilda ħoxna. | |
| ċ. | kbir u selvaġġ. | |

**Wieġeb**

3. Għalfejn iż-żiemel kien importanti għall-Assirjani u l-Persjani? ***(par.1)***

_______________________________________________

4. Għaliex l-Azteki u l-Inkas baqgħu fil-post fejn bdew? ***(par.2)***

_______________________________________________

5. Għalfejn l-Indjos ġew bżonn iż-żiemel? ***(par.2)***

_______________________________________________

6. Iż-żwiemel x'kienu jġorru fl-ewwel gwerra dinjija? Semmi tnejn. ***(par.3)***

a) _______________________________________________

b) _______________________________________________

7. Mit-tielet paragrafu, sib **nom** li qiegħed fil-**plural miksur**.

_______________________________________________

8. Minn ***par.3***, sib il-frażi li tfisser **dwejjaq**. _______________________

**Kompli aqra l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

***It-Tieni Parti***

Iż-żiemel primittiv deher fid-dinja madwar ħamsa u ħamsin miljun sena ilu. Fil-bidu, iż-żiemel kien biss daqs volpi. Kien jgħix fil-ftuħ u jirgħa fuq ħaxix tajjeb u għalhekk, bil-mod il-mod, evolva għal dak li hu llum. Kien wara ħafna snin, bejn erbat elef u ħamest elef sena ilu, li l-bniedem ipprova jimmansah. Għall-ewwel jidher li l-bniedem irnexxielu biss jorbtu ma' xi karru. Iżda biż-żmien irnexxielu wkoll jirkeb fuq dahru. ***(par.4)***



Maż-żmien, il-bniedem sar iħobb ħafna liż-żiemel u xi wħud baqgħu magħrufin sal-lum. Min jaf kemm-il darba rajna statwi ta' nies importanti rekbin fuq dahar ta' xi żiemel sabiħ! Jingħad li darba Alessandru l-Kbir tħabat mhux ftit biex rebaħ imħatra li hu kellu l-ħila jimmansa żiemel salvaġġ. Alessandru malajr induna li ż-żiemel kien qed jibża' mid-dell tiegħu stess. Għalhekk meta rebaħlu l-fiduċja, dawru jħares lejn ix-xemx biex ma jarax id-dell, iż-żiemel ikkalma u **lebbet** bih ferħan. Dan sar iż-żiemel tiegħu, semmieh Buchefalus u ħadu f'ħafna battalji li ġġieled. Iżda darba fost l-oħrajn, waqt battalja fl-Indja, dan iż-żiemel miet. Alessandru tant iddispjaċih li fil-post fejn difnu, bena belt u semmiha Buchefala, għall-memorja tiegħu. ***(par.5)***

Iż-żwiemel li kienu jintużaw fil-gwerer kienu jingħataw taħriġ speċjali. Napuljun kellu madwar tmenin żiemel għalih biss. Huwa kellu nies jgħallmu liż-żwiemel biex ma jitnaffrux meta jisimgħu l-ħsejjes tal-kanuni jew ixommu r-riħa tad-duħħan tal-porvli waqt il-battalja. L-iktar żiemel magħruf li kellu Napuljun kien jismu Marengo. Dan semmieh hekk f'ġieħ il-battalja kbira ta' Marengo li hu rebaħ fl-1800. Kien fuq Marengo, żiemel griż ċar mill-Arabja, li pittur famuż pinġa lil Napuljun fil-glorja kollha tiegħu. L-iskeletru ta' dan iż-żiemel magħruf għadu għall-wiri fin-*National Army Museum* ġewwa l-Ingilterra. ***(par.6)***

*(addattata minn kitba ta' Maria Pace, L-Istorja Nkitbet minn fuq Dahar ta' Żiemel, Sagħtar Frar 2005)*

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet, skont is-silta.** *(marka kull waħda = 8 marki)*

1. Immarka ( √ ) jekk hux Veru jew Falz:

Iż-żiemel primittiv kien akbar minn volpi.

VERU ☐ FALZ ☐

2. Il-bniedem, meta beda jimmansa ż-żiemel? ***(par.4)***

____________________________________________________

3. Kif irnexxielu jikkalma ż-żiemel tiegħu Alessandru l-Kbir? ***(par.5)***

____________________________________________________

4. Għaliex iż-żwiemel tal-gwerra kienu jingħataw taħriġ speċjali? ***(par.6)***

____________________________________________________

____________________________________________________

5. Napuljun semma liż-żiemel tiegħu Marengo. Għalfejn? ***(par.6)***

____________________________________________________

____________________________________________________

6. Ikteb il-**Mamma u l-Għerq** ta' **jirkeb** ***(par.4)***

| | |
|---|---|
| Mamma | |
| Għerq | |

7. Aqleb din il-frażi **fin-negattiv.**

*Iż-żwiemel li kienu jintużaw fil-gwerer ....* ***(par.6)***

______________________________________________

8. Ikteb 1800 fi kliem. ***(par.6)***

______________________________________________

**Ċ. Wieġeb il-mistqosijiet fuq is-silta kollha. (4 marki)**

1. Fi kliemek agħti t-tifsira ta' dawn:

a) qilla ***(par.2)*** ______________________________

b) lebbet ***(par.5)*** ______________________________

2. Meta ma kienx żmien ta' gwerra, għal xiex taħseb li kien jintuża ż-żiemel?

______________________________________________

______________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**